MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1404/2002

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

1. **F & G Marketing Limited.**
2. **Josue u Georgina mizzewgin Gauci.**
3. **Wallace u Domenica mizzewgin Fino.**
4. **Victor u Rose mizzewgin Zammit.**
5. **Chris u Claudette mizzewgin Gauci.**
6. **Price Club Holdings Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-6 ta' Dicembru 2002 li bih l-bank attur ippremetta:

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-sojceta' konvenut F & G Marketing Limited fis-somma ta' mija u tlettax-il elf, erba' mija u sebgha u sebghin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm113, 477.81) bilanc ghald-debitu fil-"Current Account" tas-socjeta' F & G Marketing Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A106") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Illi permezz ta' skrittura privata datata 29 ta' Marzu, 2000 (Dok "B"), il-konvenuti Josue u Georgina mizzewgin Gauci ggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' F & G Marketing Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' F & G Marketing Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz ta' skrittura privata datata 29 ta' Marzu, 2000 (Dok "C"), is-socjeta' konvenuta Price Club Holdings Limited ggarantiet flimkien u "in solidum" mas-socjeta' F & G Marketing Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' F & G Marketing Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz ta' skrittura privata datata 29 ta' Marzu, 2000 (Dok "D"), il-konvenuti Wallace u Domenica mizzewgin Fino ggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' F & G Marketing Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' F & G Marketing Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz ta' skrittura privata datata 29 ta' Marzu, 2000 (Dok "E"), il-konvenuti Victor u Rose mizzewgin Zammit ggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' F & G Marketing Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' F & G Marketing Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz ta' skrittura privata datata 29 ta' Marzu, 2000 (Dok "F"), il-konvenuti Chris u Claudette mizzewgin Gauci ggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' F & G Marketing Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' F & G Marketing Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' sitt ittri ufficjali rispettivament datati 21 t' Awwissu 2002 li kopja taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok "G", Dok "H", Dok "I", Dok "J", Dok "K" u Dok "L", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta' F & G Marketing Limited, Josue u Georgina mizzewgin Gauci, Price Clud Holdings Limited, Wallace u Domenica mizzewgin Fino, Victor u Rose mizzewgin Zammit, u Chris u Claudette mizzewgin Gauci jhallsu flimkien u *"in solidum"* bejniethom lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u tlettax-il elf, erba' mija u sebgha u sebghin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm113, 477.81) bilanc ghald-debitu fil-"Current Account" tas-socjeta' F & G Marketing Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A106") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 21 t' Awissu, 2002 u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank attur mahlufa mill-P.L. Joseph Zammit u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati naqsu illi jippresentaw nota tal-eccezzjonijiet u kwindi baqghu kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-konvenut Gauci ammetta t-talba attrici.

Billi ghalhekk it-talba tal-Bank attur mhijiex kontradetta;

**Tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenuti u fuq ammissjoni tal-konvenut Gauci, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:**

**Tikkundanna lis-socjeta' F & G Marketing Limited, Josue u Georgina mizzewgin Gauci, Price Clud Holdings Limited, Wallace u Domenica mizzewgin Fino, Victor u Rose mizzewgin Zammit, u Chris u Claudette mizzewgin Gauci jhallsu flimkien u *"in solidum"* bejniethom lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u tlettax-il elf, erba' mija u sebgha u sebghin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm113, 477.81) bilanc ghald-debitu fil-"Current Account" tas-socjeta' F & G Marketing Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 21 t' Awissu, 2002 u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------